MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 59/2003/2

**Joseph u Carmela konjuġi Buhagiar;**
**u b'digriet tas-17 ta' Mejju 2005 il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Jane Bonnici, Carmen Xuereb u Marie Louise Xuereb minflok**
**Joseph Buhagiar li miet fil-mori tal-kawża;**
**u b'digriet tas-27 ta' Frar 2009 il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem**
**Jane Bonnici, Carmen Xuereb u Marie Louise Xuereb minflok Carmela Buhagiar li mietet fil-mori tal-kawża;**

**v.**

**Salvu Meilaq; u**
**Joseph u Grace konjuġi Mercieca**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

Dan huwa appell ad istanza tal-atturi Jane Bonnici, Carmen Xuereb u Marie Louise Xuereb li permezz tiegħu qegħdin jitolbu lil din l-onorabbli qorti tirrevoka u tirrexxindi s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, fl-24 ta' Marzu 2009 billi tilqa' t-talbiet attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi u tas-sentenza in parte kontra l-konvenuti appellati.

Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel qorti qegħdha tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"Il-Qorti,

"Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew illi:

"Illi l-konvenut Salvu Mejlaq in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani tas-sittax (16) t'Ottubru tas-sena elfejn u wiehed (2001) biegh u trasferixxa a favur tal-konvenuti l-ohra Joseph Mercieca u mertu Grace Mercieca dar qadima, bla numru fi Triq il-Wileg, Qala, Ghawdex bil-mandretta annessa, l-intier konfinanti minn nofsinhar mat-triq, tramuntana ma' beni tal-Perit Saviour Micallef u punent in parti ma' sqaq u in parti ma' beni ta' terzi, jew irjeh verjuri, libera u franka bid-drittijiet u pertinenzi kollha taghha, bil-pussess vakanti u tale quale fl-istat prezenti u kif ahjar murija fuq il-pjanta u site-plan annessa u markata dokument 'A' mal-kuntratt sucitat, liema kuntratt qed jigi hawn anness bhala dokument 'A' ;

"Illi l-proprjeta in vendita hija in parti proprjeta' assoluta ta' l-attrici provenjenti lilha mill-wirt tal-familja ta' l-attrici, il-familja Mejlaq, kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza ;

“Illi t-trasferiment imsemmi sar minghajr kunsens jew awtorizzazzjoni ta' l-attrici bi pregudizzju ghad-drittijiet proprjetarji taghha ;

“Illi sar trasferiment '*a non domino'* u ghalhekk it-trasferiment huwa null u inattendibbli ;

“Illi l-attrici nterpellat lill-konvenuti permezz ta' ittra ufficjali datata 24 ta' Frar 2003 sabiex il-konvenuti jaddivjenu ghall-att rexxizorju relattiv izda baqghu inadempjenti .

“Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m’għandhiex din il-Qorti:

“1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-attrici nomine hija in parti proprjetarja assoluta tal-proprjeta' lleggittimament trasferita ;

“2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-kuntratt sucitat in atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani tas-sittax (16) t'Ottubru tas-sena elfejn u wiehed (2001) huwa null u inattendibbli peress li giet trasferita proprjeta' ta' terzi ;

“3. Tannulla u tirrexxindi l-kuntratt sucitat in atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani tas-sittax (16) t'Ottubru tas-sena elfejn u wiehed (2001) in konsegwenza tad-dikjarazzjoni ta' nullita' ;

“4. Tinnomina Nutar sabiex jigi ppubblikat l-att relattiv kif ukoll tinnomina kuraturi fl-eventwali kontumacja tal-konvenuti .

“Il-konvenuti minn issa ngunti in subizzjoni, bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-24 ta' Frar 2003 kif ukoll dawk l-ispejjez gudizzjarji u extra gudizzjarji inkorsi mill-attrici in konnessjoni ma' din il-kawza, bl-imghax u bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni skond il-Ligi .

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-atturi debitament maħlufa minn Carmela Buhagiar.

“Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi:

“1. Illi fl-ewwel lok in-nuqqas ta' nteress da parti tal-atturi li jippromwovu din il-kawza billi huma ma kienux parti fil-kuntratt tas-16 ta' Ottubru 2001, *de quo agitur,* u ghaldaqstant m'ghandhom ebda nteress fid-dikjarazzjoni tan-nullita' tieghu u konsegwentement lanqas m'ghandhom ebda nteress a rigward tat-tielet u r-raba' talbiet proposti minnhom li huma ko-relatati u konsegwenzjaloi ghat-tieni eccezzjoni ;

“2. Illi l-azzjoni li messhom ipproponew l-atturi hija dik ta' rivendika tal-proprjeta' u mhux ta' dikjarazzjoni tal-proprjeta' jew tan-nullita' tal-kuntratt, liema azzjonijiet ghandhom oggett u finalita' diversa u distinta minn xulxin ;

“3. Illi bla pregudizzju ghat-tieni eccezzjoni, anke jekk l-atturi jirritjenu li l-kawza proposta minnhom hija dik ta' rivendika, c-citazzjoni kif proposta ma fiha ebda talba u permezz taghha l-atturi qeghdin jitolbu lura l-proprjeta' minghand il-konvenuti, di piu' c-citazzjoni lanqas ma hija legalment koncepibbli peress li l-atturi qed jagixxu biex jitolbu sehem meta l-azzjoni ta' rivendika hija ghat-totalita' tal-fond kontra t-terz possessur, u oltre dan eccepit fil-konfront tal-eccipjent Salvu Mejlaq lanqas ma jista' jitqies aktar terz possessur billi fi zmien li giet ipprezentata c-citazzjoni mill-atturi huwa kien gia' ddispona mill-pussess u d-drittijiet tieghu fuq din il-proprjeta' favur il-konvenuti l-ohra konjugi Mercieca, u ghaldaqstant f'dan ir-rigward lanqas ma jista' jitqies li huwa l-legittimu kontradittur fil-konfront tal-atturi u ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-atturi ;

“4. Illi fi kwalunkwe kaz it-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-atturi;

“5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti maħlufa minn Joseph Mercieca.

“Rat is-sentenza preliminari tagħha tal-25 ta' Gunju 2004 li permezz tagħha, wara li lliberat lill-konvenut Salvu Meilaq mill-osservanza tal-ġudizzju, ordnat it-tkomplija ta' din il-kawża bħala waħda rivendikatorja.

“Rat il-verbal tagħha tal-5 ta' Diċembru 2008 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza fuq il-mertu.

“Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

“Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti.

“Ikkunsidrat:

“Illi din hija kawża rivendikatorja, fejn l-atturi, illum sostitwiti bit-tfal tagħhom, billi dawn mietu fil-mori tal-kawża, qed jirreklamaw mingħand il-konvenut is-sehem indiviż li huma jikkontendu li għadu jispetta lilhom mill-fond indikat fic-citazzjoni, u li l-konvenut kien akkwista permezz ta' l-att ta' bejgħ imsemmi fiċ-ċitazzjoni mill-poter ta' Salvu Meilaq, ġia konvenut ukoll f'din il-kawża.

“Dwar l-azzjoni rivendikatorja l-**Pacifici Mazzoni** jispjega illi:

“*La proprieta’… e’ un diritto assoluto. Ma tale non sarebbe ove la legge non proteggesse le facolta’ ad essa inerenti, e non fornisse al proprietario il mezzo di far rispettare il suo diritto quando altri in tutto o in parte lo disconosca. Quindi il proprietario puo’ rivendicare la propria cosa da qualunque possessore o detentore, e questo diritto esercitato in giudizio, prende il nome di azione rivendicatoria…. L’azione rivedicatoria e un azione reale con cui il proprietario di una cosa domanda contro il possessore o il detentore della medesima, il riconoscimento del suo diritto di proprieta’ e in conseguenza la restituzione della cosa stessa con ogni sua accessione…. Nel giudizio di rivendicazione l’attore deve provare la sua proprieta’, che e’ il fondamento della sua azione. Ne’ puo’ pretendere invece di provare che il*

*diritto di proprieta' manchi all'avversario. Ove non riesca l'attore a provare la sua proprieta', il reo convenuto resta assoluto pei noti principii:* ***actore non probante, reus absolvitur; in pari causa, melior est conditio possidentis****…. La prova dev'esser piena: appunto perche' il diritto, che ne forma l'oggetto, e' il fondamento dell'azione. Questa prova risulta in maniera irrefragabile dalla usucapione, che siasi compiuta a profitto dell'attore o di uno dei suoi autori. In difetto di usucapione la prova della proprieta' non puo' risultar piena che da un titolo traslativo di essa, congiunto alla giusificazione del diritto dell'autore immediato, e dei suoi predecessori; risalendo sino a quello di uno di essi, per quanto remoto, che l'avesse acquistata mediante l'usucapione. Ma colla comune dei dottori si osserva da* Aubry e Rau*, che una prova cosi' rigorosa difficilmente si concilia con le esigenze della pratica; tanto che fu detta* ***probatio diabolica****. Sembra quindi che per equita' non possa pretendersi dall'attore, se non la prova di un diritto migliore o piu' fondato di quello del reo convenuto.Da questo principio, che' pure sussidiato dalla presunzione della proprieta' annessa al possesso, derivano le tre seguenti regole:*

"*1. Quando l'attore produce un titolo traslativo di proprieta', consentito a suo favore, e il reo convenuto non ne produce alcuno, deve ritenersi che quegli abbia provato sufficentemente il suo diritto di proprieta', purche' il suo titolo* sia anteriore al possesso del reo convenuto….

*2. Quando si' l'attore che il reo convenuto producono titoli traslativi di proprieta', e questi emanino dalla stessa persona, la preferenza e' regolata dall'anteriorita' della trascrizione, o, secondo casi, dei titoli stessi…..*

"*3. Allorche' l'attore non produce alcun titolo a sostegno della sua dimanda, e si limita ad invocare o atti antichi di possesso, presunzioni tratte dallo stato de' luoghi, o altre circostanze, deve distinguersi, se il reo convenuto abbia avuto o non un possesso esclusivo e ben determinato;….*

"*Del resto la prova della propreta' puo' farsi dal rivendicante anche col mezzo di presunzione e congetture; segnatamente ove trattisi di rivendicare un dominio antico.*

"*Ma, in generale, un'azione rivendicatoria non puo' sorreggersi sul solo appogio di risultanze attinte dalle mappe o campioni catastali."*[1]

"Fl-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji dottrinali, nsibu l-qrati tagħna jispjegaw illi:

""…. *L-attur fl-azzjoni rivendikatorja jrid jipprova d-dominju, ossija l-proprjeta' fih, tal-ħaġa li jrid jirrivendika. Mhux biżżejjed li hu talvolta jipprova li l-ħaġa mhix tal-konvenut, imma jeħtieġ li juri pożittivament li hi tiegħu nnifsu – '**melior est conditio possidentis**'. Ġie dejjem ritenut mill-Qrati Tagħna, fuq l-istregwa tal-prinċipji ammessi universalment mid-dottrina u l-ġurisprudenza, bażata fuq liġijiet bħal tagħna, illi dik il-prova li hi eżatta mir-rivendikant hemm bżonn li tkun kompleta u konklużiva, b'mod li, kif ntqal fis-sentenza 'Fenech vs. Debono (P.A. 14 ta' Marzu 1935, Kollez. Vol. XXIX. II. 488). 'kwalunkwe dubbju, anki l-iċken, għandu jmur favur il-**pussessur konvenut**'. Kompla f'dik is-sentenza jingħad illi 'anki jekk il-Qorti ma tkunx affattu sodisfatta mid-dritt tal-konvenut, hi għandha tilliberah jekk ir-rivendikant ma jagħtix prova tad-dominju tiegħu li tkun eżenti mill-anqas dubbju (ara wkoll fl-istess sens Kollez. XXXII. I. 282; XXXIII. II. 266; XXXV. I. 518; XXXVII. I. 105*;"[2]

"Hekk ukoll ingħad illi:

"" *Rekwiżiti għall-eżerċizzju ta' l-azzjoni rivendikatorja huma li l-attur jipprova d-dominju tal-ħaġa akkwistata leġittimament u li **l-konvenut ikun qed jippossediha.***

---

[1] Istituzioni di Diritto Civile Italiano 3za ed. 1884; vol. III. # 131 - 134, p. 207et seq.
[2] Appell Civili: Giuseppe Buhagiar v. Giuzeppi Borg: 17.11.1958; Kollez. vol. XLII. pt. I. p. 575.

*Ir-regolament tal-provi f'din l-azzjoni jiddependi mill-atteġġjament difenzjonali prexelt mill-konvenut; in quanto jekk hu jeċċepixxi li hu għandu titolu fuq il-ħaġa rivendikata aktar mill-attur, il-piż tal-prova jaqa' fuqu u jekk ma jilħaqx din il-prova jissokombi fl-eċċezzjoni tiegħu; jekk għall-kuntrarju huwa jittrinċjarja ruħu wara l-barriera ta' pussess, jinkombi lill-attur li jipprova d-dominju tiegħu u huwa anke jekk ma jipprovax it-titolu tal-pussess, iżda jiddemonstra l-mankanza ta' titolu ta' l-attur, għandu jissuċċedi fl-eċċezzjoni tiegħu.*[3] "

"Fil-każ in eżami, billi l-konvenut mhux jiddefendi ruħu b'titolu aħjar minn dak ta' l-atturi,  kif ġia ntqal fid-digriet tagħha tas-16 ta' Frar 2007,[4] jispetta lill-atturi stess li jipprovaw b'mod inekwivoku t-titolu tagħhom fuq il-parti ndiviża mill-fond in kwistjoni li huma jallegaw li tappartjeni lilhom.

"L-atturi jsostnu li dan il-fond kien oriġinarjament ġie akkwistat minn Salvatore Meilak, ġia nannu patern ta' l-attriċi Carmela Buhagiar,  permezz ta' kuntratt ta' xiri tat-13 ta' Mejju 1924, in atti Nutar Angelo Cauchi.[5] Il-fond in vendita dakinhar ġie deskritt bhala "..*un luogo di case posto in detto Casale Cala al numero venti quattro …di Strada Wileg, consistente in un cortile, due stanze a pian terreno con scale e verone scoperte per una stanza superiore con mandretta di circa un mondello congiuntavi da mezzodi'*…" [6] Skond l-atturi dan il-fond qatt ma nbiegħ u baqa' dejjem jintiret fil-familja minn ġenerazzjoni għall-oħra, sakemm ma ġiex trasferit minn Salvu Meilak, kuġin ta' l-attriċi Carmela Buhagiar, lir-raġel ta' bintu, l-konvenut preżenti, mingħajr il-konoxxenza tagħha.[7] In sostenn tat-teżi tagħhom l-atturi pproduċew ukoll żewġ xhieda ndipendenti li kkonfermaw illi tassew kienu, separatament u fi żminijiet differenti, avviċinaw lill-attriċi Carmela Buhagiar meta kienu tħajru jixtru dan il-post biex jaraw

---

[3] Giuseppi Abela vs John Zammit:  P.A. 16.5.1963.
[4] a fol. 269 tal-process.
[5] Dok. A a fol. 206 - 209.
[6] ara kopja tal-kuntratt a fol. 206 – 207.
[7] ara kopja tal-kuntratt in atti Nutar Dr. P. Pisani esebit bhala Dok. A a fol 5 - 7.

riditx tbigħulhom.[8] Mill-arblu ġeneoloġiku esebit mill-atturi,[9] jidher illi Carmela Buhagiar kienet tippretendi li jmissha terz indiviż (1/3) minn dan il-fond, bħala unika eredi sew ta' missierha Carmelo kif ukoll ta' oħtha Maria, għalkemm dan qatt ma ġie speċifikat bħala tali mill-atturi.

“Imma kontra din it-teżi ta' l-atturi, jimmilitaw diversi fatturi li jirrizultaw mill-provi prodotti, uhud minnhom mill-atturi stess. Hekk nsibu illi:

“1. mit-testment ta' dan Salvatore Meilak tat-13 ta' Frar 1914, kopja ta' liema ġiet esebita mill-atturi,[10] joħroġ illi bit-tielet artikolu ta' dan it-testment tiegħu "… ***ai suoi tre figli Teresa, Gesualda e Carmelo non lascia che la pura legittima…*** " u l-beni tiegħu ħallihom biex jinkrew mill-esekutur nominat fl-istess testment ħalli mbagħad id-dħul isir quddies għal ruħu. Huwa minnu illi l-leġitimarju, skond kif kienet il-liġi dakinhar kellu dritt għall- *pars bonorum*[11] u għalhekk anke għal parti minn dan il-fond, jekk dan kien għadu fl-assi tad-*decujus* fl-epoka tal-mewt tiegħu. Imma huwa veru wkoll illi d-dritt li wieħed ifittex għall-leġittima jispiċċa bl-għeluq ta' għaxar snin mill-mewt tat-testatur, u ma jidhirx li l-atturi jew aħjar xi ħadd minn ulied id-*decujus* Salvatore Meilaq qatt ħa xi passi legali biex ifittex għal din il-leġittima minn meta dan miet fit-13 ta' Lulju 1926.[12] Għalhekk anke għal din ir-raġuni biss l-atturi tilfu darba għal dejjem id-dritt li jirreklamaw xi parti minn dan il-fond bħala tagħhom.

“2. Fid-denunzja tas-suċċessjoni li saret in segwitu għall-mewt ta' dan Salvatore Meilak minn Lorenzo Meilaq, ir-raġel ta' bintu Teresa,[13] ftit xhur biss wara l-mewt tiegħu, dan il-fond lanqas biss jissemma, u għalhekk iqum id-dubbju kemm l-istess fond kien għadu jifforma parti mill-assi tad-*decujus* fl-epoka tal-mewt tiegħu. L-atturi jsostnu illi dan huwa l-istess fond li f'dik id-denunzja ġie mniżżel

[8] ara affidavit ta' Michael Cini a fol. 72; u dak ta' Joseph Formosa a fol. 70.
[9] Dok. F a fol. 228.
[10] Dok. E a fol. 214 - 217.
[11] art. 620 kap.16 qab el l-emendi recenti.
[12] ara data tal-mewt tieghu ndikata fl-arblu geneologiku gia msemmi.
[13] Dok. A a fol. 273 - 275.

bħala *item 9* u deskritt bħala "*luogo di case in Strada Wileg - no. 38 C. Cala* …" u għalhekk kien sar xi żball minn min irrediġa dik id-denunzja. Imma mir-Reġistru elettorali tat-18 ta' Frar 1924 jirriżulta illi Salvatore Mielaq kien jirrisjedi fil-fond numru 37 Strada Wileg, (x'aktarx parti mill-fond numru 38) mentri fil-fond numru 24 fl-istess triq kien joqgħod ċertu Raffaele Mizzi.[14] F'dak tal-31 ta' Marzu 1925, il-pożizzjoni kienet għadha l-istess,[15] u f'dak tad-29 ta' April 1927, u ċioe' ftit xhur wara l-mewt ta' Salvatore Meilaq, dan Raffaele Mizzi kien għadu joqgħod fil-fond numru 24, mentri fil-fond 37 mar joqgħod ċertu Michele Meilaq.[16]

“F'tali ċirkostanzi daqstant inċerti, fejn ma rriżultax b'mod sodisfaċenti li l-fond in kwistjoni kien għadu jappartjeni lill-imsemmi Salvatore Meilaq fl-epoka tal-mewt tiegħu u wisq inqas jekk l-atturi għadx baqgħalhom dritt jirreklamaw xi parti mill-eredita' tiegħu, ma jistax jingħad illi rnexxielhom jipprovaw b'mod inekwivoku kif trid id-dottrina u l-ġurisprudenza, li huma għandhom titolu ta' proprjeta' fuq xi sehem indiviż mill-fond in kwistjoni, u għalhekk din l-azzjoni ma tistax tirnexxi.

“Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi tiċħad ukoll l-ewwel talba ta' l-atturi, bl-ispejjeż, sew tas-sentenza in parte tagħha tal-25 ta' Gunju 2004, kif ukoll ta' dik preżenti, jkunu a karigu ta' l-istess atturi.”

**<u>Rikors tal-appell tal-atturi Jane Bonnici, Carmen Xuereb u Marie Louise Xuereb:</u>**

L-aggravju tal-atturi jikkonsisti fis-segwenti:

(1) L-ewwel qorti interpretat ħażin il-liġi u l-ġurispudenza in materja għaliex huwa risaput li bħala prinċipju assodat l-azzjoni rivendikatorja u dik pubbliciana jistgħu jiġu kumulati flimkien. Skont dan il-prinċipju mhux meħtieġ li l-attur jipprova titolu oriġinali fuq il-proprjeta` iżda huwa biżżejjed li jipprova dritt fuq l-art anterjuri għal

[14] a fol. 328.
[15] a fol. 331.
[16] a fol. 333.

dak tal-konvenut. Fl-azzjoni rivendikatorja l-attur irid jipprova li għandu d-dominju tal-ħaġa li jrid jivvendika u jrid juri li huwa akkwistaha leġittimament; fl-azzjoni pubbliciana jrid juri biss li huwa kellu pussess tal-ħaġa u li l-konvenut għandu pussess tagħha bis-saħħa ta' dritt inferjuri u aktar dgħajjef. Huwa aċċettat li dawn iż-żewġ azzjonijiet jistgħu jiġu kumulati.

(2) Il-fondament tal-azzjoni pubbliciana hija l-finzjoni ġuridika (*fictio*) li in forza tagħha l-Maġistrat jew Imħallef kien jikkonsidra bħala perfezzjonat id-dritt ta' proprjeta` f'min jissussisti anke b'mod imperfett sabiex jagħtih mezz ta' difiża kontra turbattiva ta' terzi li strettament ma kienx intitolat għaliha.

(3) Ġie ritenut li anke fejn si tratta ta' azzjoni rivendikatorja m'hemmx inkompatibbilita` li "in subsidium" jiġi ndagat ukoll l-element tal-pussess u dan in forza tal-azzjoni pubbliciana.

(4) Kull wieħed mill-komproprjetarji għandu d-dritt li jeżerċita l-azzjoni rivendikatorja, saħansitra jekk il-kwota tiegħu tkun inċerta u jista' jeżerċitaha mingħajr il-konkors tal-proprjetarji l-oħra u saħansitra kontra l-volonta` tagħhom.

(5) L-ewwel qorti donnha mhix għall-kurrent tad-dottrina l-aktar akkreditata u aċċettata fil-ġurispudenza nostrana kif ukoll tal ġurispudenza li titratta dwar il-materja in kwistjoni. L-eżerċizzju li kellha tagħmel l-ewwel qorti ma kienx dak biss li teżamina l-provi tal-atturi u jekk dawn ma jirnexxilhomx jippruvaw b'mod assolut allura tiġi miċħuda t-talba, iżda li fil-limiti tal-provi miġjuba mill-kontendenti tiddeċiedi favur min għandu l-aqwa prova "inter partes". L-ewwel qorti telqet minn punto di partenza żbaljat.

(6) L-ewwel qorti għamlet ukoll apprezzament żbaljat tal-provi miġbura. L-ewwel qorti aċċettat bħala fatt li l-fond inkwistjoni kien ġie akkwistat oriġinarjament minn Salvatore Meilaq (in-nannu patern tal-attriċi Carmela Buhagiar) permezz ta' kuntratt ta' xiri datat 13 ta' Mejju 1924, aċċettat li dan il-fond baqa' jintiret minn

ġenerazzjoni għall-oħra sakemm ġie trasferit mill-konvenut Salvu Meilaq, li huwa kuġin tal-attriċi Carmela Buhagiar. Iżda mbagħad il-qorti dehrilha li kellha toqgħod tfittex dak li jimmilita kontra t-teżi tal-atturi u ċċitat it-testment ta' Salvatore Meilaq tat-13 ta' Frar 1914 li skont tali testment lit-tlett itfal tiegħu ħallielhom il-leġittima u l-kumplament tal-beni kellhom jinkrew mill-esekutur testamentarju ħalli mid-dħul isir quddies għal ruħu. Għalhekk skont l-ewwel qorti la dawn l-ulied qatt ma fittxew għal-leġittima, għeluq l-għaxar snin mill-mewt tiegħu allura kull dritt li huma jaġixxu llum spiċċa u ġie estint.

(7) Bit-testment tiegħu Salvatore Meilaq ma nnominax eredi u skont ir-regoli tas-suċċessjoni intestata il-wirt kellu jaqa' fuq l-eqreb fid-demm, u l-eqreb fid-demm huma t-tlett uliedu: Teresa, Ġeswalda u Carmelo. L-ewwel qorti messha kkonkludiet li l-fond jappartjeni lid-dixxendenti ta' Salvatore Meilaq. Din il-prova kellha tkun biżżejjed sabiex tistabbilixxi titolu adegwat fl-attriċi jekk mhux għal finijiet assoluti tal-actio rei vindicatoria, għallinqas għall-finijiet tal-actio pubbliciana li turi fl-atturi prova migliore ta' proprjeta` jew tal-inqas ta' kwota minnha.

(8) (a) L-ewwel qorti iċċitat id-denunzja ta' Salvatore Meilaq magħmula minn Lorenza Meilaq, ir-raġel ta' bintu Teresa. Id-denunzja hija biss dikjarazzjoni għal fini tal-fisku sabiex dan jintaxxa u ma jorbot lil ħadd. (b) Il-prova li l-ewwel qorti pruvat toħroġ mir-reġistru elettorali hija xi ħaġa spurja u ma timmira għal imkien. (c) Il-konvenuti flok ħadu l-pożizzjoni ta' "possideo qua possideo" għażlu li jikkontestaw l-azzjoni bil-provi li jiċċentraw fuq il-pożizzjoni li l-fond in kwistjoni mhux l-istess wieħed li akkwista Salvatore Meilak fl-1924; iżda biex jagħmlu dan kellhom jippruvaw li l-istess Salvatore Meilak akkwista fond ieħor.

(9) L-ewwel qorti ma ratx u ma eżaminatx lill-konvenut Salvu Meilaq għaliex ix-xiehda tiegħu ttieħdet quddiem Assistent Ġudizzjarju u għalhekk il-Maġistrat li ppreseda kellu biss quddiemu t-transcript. Għalhekk il-Qorti tal-Appell mistiedna tagħti ftit każ ta' din ix-xhieda.

**<u>Risposta tal-appell tal-konvenuti appellati Joseph u Grace konjuġi Mercieca</u>**:

Il-konvenuti Joseph u Grace Mercieca irrispondew biex juru li s-sentenza appellata hija ġusta u timemrita li tiġi kkonfermata.

Huma jsostnu li l-ewwel qorti kienet korretta meta qalet li l-atturi f'kawża rivendikatorja jridu jippruvaw id-dritt tagħhom ta' proprjeta` fuq il-ħaġa rivendikata u li tali prova trid tkun kompluta u konklussiva b'mod li kwalunkwe dubju jmur favur il-possessur konvenut. Huma jagħmlu aċċenn għad-digriet tal-ewwel qorti tas-16 ta' Frar 2007 (li minnu ma sarx appell) fejn hija kienet affermat li l-azzjoni proposta hija waħda rivendikatorja. Jelenkaw sensiela ta' prinċipji legali u ġurispudenzjali u jsostnu li jirriżulta ċar minn eżami tas-sentenza appellata li l-ewwel qorti mxiet fuqhom, u li ma hemm l-ebda lok jew ġustifikazzjoni li l-interpretazzjoni mogħtija mill-ewwel qorti għandha b'xi mod tiġi disturbata.

Dwar l-eżami tal-provi li ġie kondott mill-ewwel qorti, il-konvenuti appellati jsostnu li dan kien korrett. Huma jgħidu li ma jirriżultax li l-ewwel qorti aċċettat bħala fatt li l-fond in kwistjoni huwa l-fond li kien fil-fatt akkwista Salvatore Meilak bil-kuntratt tat-13 ta' Mejju 1924 (u cioe` 24, Strada Wileġ f'Casal Qala). Isostnu li hemm dubji serji dwar l-identita` tal-fond, u dan apparti l-fatt jekk l-attriċi għandhiex sehem mill-wirt ta' Salvatore Meilak. Iżidu jgħidu li l-fatt li fid-denunzja ta' Salvatore Meilak hemm riferenza għal ipoteka ta' £25 imposta fuq id-dar mhix prova piena, konvinċenti u konlussiva li din l-ipoteka tirreferi għall-istess waħda li tissemma fil-kuntratt tal-1924. Fil-fehma tagħhom ma hemm l-ebda prova fl-atti li tista' b'mod konvinċenti twassal biex il-qorti torbot id-dikjarazzjoni tad-dejn imsemmija fid-denunzja mad-dejn li ġie kostitwit fil-kuntratt tat-13 ta' Mejju 1924, u tasal biex tikkonkludi li l-fond imsemmi fid-denunzja huwa l-istess fond li l-atturi qed jippruvaw jirrivendikaw.

Dwar ix-xhieda tal-attriċi l-konvenuti appellati jsostnu li din hija waħda konfuża għall-aħħar, u d-deskrizzjoni li hija u

wliedha taw tal-fond bl-ebda mod ma tirrifletti d-deskrizzjoni tal-fond kif mogħtija fil-kuntratt tat-13 ta' Mejju 1924. Jagħmlu wkoll riferenza għal dik il-parti tax-xhieda tagħha fejn l-ewwel qalet li nannuha kien ħalla l-post lill-knisja għall-quddies, imbagħad qalet li l-post jiġi tagħhom.

Dwar it-testment ta' Salvatore Meilaq tat-13 ta' Frar 1914, esebit mill-atturi, il-konvenuti appellati jargumentaw li leġittimatarju mhux werriet iżda għandu biss porzjon mill-beni li ħalla d-decuius li hija riservata lilu mil-liġi, u għalhekk minn dan it-testment ma jirriżultax li missier l-attriċi, Carmelo Meilak kien werriet ta' missieru Salvatore Meilaq billi salv xi legat ta' flus u l-leġittima, il-ġid komponenti l-patrimonju tiegħu tħalla għal quddies u skopijiet piji. Josservaw li ma tressqet l-ebda prova li dan l-istess Carmelo Meilak kien ikkontesta l-eredita` ta' missieru fi żmien preskritt mil-liġi u kull azzjoni biex l-attriċi tfittex għal-leġittima ta' nannuha llum tinsab ampjament preskritta wara t-trapass ta' aktar minn tmenin sena mill-mewt ta' nannuha. Għalhekk isostnu li l-pretensjoni tal-attrici li għandha sehem mill-proprjeta` in kwistjoni (dejjem jekk hija tipprova li l-proprjeta` in kwistjoni hija fil-fatt dik li kellu nannuha Salvatore Meilaq) il-għaliex hija ssuċċediet fid-drittijiet ereditarji ta' nannuha, ma treġix.

Fil-fehma tal-konvenuti appellat, il-provi tal-atturi appellanti mhux biss huma dubjużi, izda adirittura jikkonfermaw kemm m'għandhom l-ebda raġun fil-pretensjonijiet tagħhom.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:</u>**

L-aggravju tal-atturi appellanti jikkonsisti f'żewġ ilmenti prinċipali: wieħed ta' natura legali u l-ieħor ta' natura fattwali. L-ewwel ilment (paragrafi 1–6) jirrigwarda l-allegata interpretazzjoni żbaljata tal-liġi, u t-tieni lment (paragrafi 7-9) jirrigwarda l-allegata interpretazzjoni żbaljata tal-provi.

*<u>(1) Il-liġi applikabbli għall-każ:</u>*

L-ewwel qorti fis-sentenza preliminari mogħtija nhar il-25 ta’ Ġunju 2004, irriteniet li l-ewwel talba tal-atturi[17] tindika li l-azzjoni proposta mill-atturi hija waħda rivendikatorja[18] u wara li lliberat lill-konvenut Salvu Meilaq mill-osservanza tal-ġudizzju, ordnat li l-kawża titħalla għall-kontinwazzjoni fuq il-mertu tat-talba tal-atturi għar-rivendika tas-sehem mill-fond in kwistjoni. Fir-rigward tat-tieni, tielet u raba’ talbiet tal-atturi, li jirrigwardaw l-allegata nullita` tal-att ta’ trasferiment relattiv, sabet li l-atturi ma kellhomx interess ġuridiku.

Is-sentenza definittiva (dik appellata) għalhekk tirrigwarda biss l-ewwel talba, u cioe` li jiġi deċiż u dikjarat li l-attriċi nomine hija in parti proprjetarja assoluta tal-proprjeta` bla numru fi Triq il-Wileġ, Qala, li ġiet trasferita lill-konvenuti konjuġi Mercieca permezz tal-kuntratt tas-16 ta’ Ottubru 2001 fl-atti tan-Nutar Dr Paul George Pisani.

Il-pretenzjoni tal-attriċi Carmela Buhaġar fuq il-proprjeta` in kwistjoni (jew aħjar, fuq sehem mill-proprjeta` in kwistjoni) hija bbażata fuq l-allegazzjoni li dan is-sehem minn din il-proprjeta` huwa provenjenti lilha mill-wirt tal-familja tagħha. Id-dokumenti rilevanti għal din il-pretenzjoni huma:

(1) il-kuntratt ta’ xiri tat-13 ta’ Mejju 1924[19] li permezz tiegħu in-nannu patern tagħha, Salvatore Meilak, xtara “*un luogo di case posto in detto Casal Cala al numero venti quattro…di Strada Wileg, consistente in un cortile, due stanze a pian terreno con scale e verone scoperte per una stanza superiore con mandretta di circa un mondello….*”

u

[17] *“1. Tiddikjara u u tiddeċiedi li l-attriċi nomine hija in parti proprjetarja assoluta tal-proprjeta` illeġittimament trasferita;”*

[18] *“Tqajjem ukoll dubju dwar it-tip ta’ kawża intentata mill-atturi. Madankollu mill-ewwel domanda tagħhom wieħed jirrealizza li huma eżerċitaw l-actio rivendikatorja…”* (fol 31)

[19] Dok A, fol 206-209.

(2) it-testment tat-13 ta’ Frar 1914[20] tal-istess nannu patern tagħha, Salvatore Meilak, li minnu jirriżulta li lit-tlett uliedu, Teresa, Gesualda u Carmelo[21] “*non lascia que la pura legttima*”. Ma ġewx innominati eredi, iżda ġie nnominat esekutur sabiex huwa jikri l-beni tiegħu u mid-dħul tagħhom isir quddies għal ruħu.

Pero` kif tajjeb osservat l-ewwel qorti, ma jidhrix li xi ħadd mit-tlett ulied ta’ Salvatore Meilak (inkluż Carmelo, missier l-attriċi Carmela) qatt ħadu passi biex ifittxu għal-leġittima wara li Salvatore Meilak miet fit-13 ta’ Lulju 1926, u għalhekk anke għal din ir-raġuni biss huma tilfu darba għal dejjem id-dritt li jirreklamaw xi parti mill-fond mibjugħ lil Salvatore Meilaq bil-kuntratt tal-1924 bħala tagħhom.

Għalhekk mingħajr ma wieħed joqgħod jidħol fil-kwistjoni ta’ jekk l-istess fond kienx għadu jifforma parti mill-assi ta’ Salvatore Meilak fil-mument tal-mewt tieħu[22], jew jekk dan il-fond indikat fil-kuntratt ta’ bejgħ tal-1924 hux effettivament il-fond li l-konvenut Salvu Meilaq biegħ lill-konvenuti l-oħra l-konjuġi Mercieca[23], jidher li l-attriċi qatt ma kellha xi titolu fuq il-fond li xtara nannuha. Ladarba Carmela Buhagiar ma rnexxilhiex tipprova li kellha titolu ta’ proprjeta` fuq xi sehem mill-fond li xtara nannuha fl-1924 (kif reklamat minnha) l-azzjoni tagħha falliet.

L-atturi jilmentaw li l-“iżball” tal-ewwel qorti kien proprju li ddeċidiet is-sentenza appellata a bażi tal-azzjoni rivendikatorja u dan għaliex “*huwa risaput li bħala prinċipju assodat l-azzjoni pubblicjana u dik rivendikatorja jistgħu jiġu kumulati flimkien”.* Huma jilmentaw li l-ewwel qorti telqet minn “*punto di partenza*” żbaljat, għaliex dak li kellha tagħmel ma kienx dak li teżamina l-provi tagħhom u jekk it-titolu ma jirriżultax b’mod assolut hija tiċħad it-talba;

[20] Dok E, fol 214-217.

[21] L-attriċi Carmela Buhagiar hija effettivament bint Carmelo, wieħed mit-tlett itfal ta’ Salvatore Meilak.

[22] Dan qed jingħad minħabba li l-ewwel qorti esprimiet id-dubji tagħha dwar jekk fid-denunzja tas-suċċessjoni li saret wara l-mewt ta’ Salvatore Meilak dan il-fond li xtara fl-1924 ġiex indikat.

[23] Dan qed jingħad peress li l-konvenuti appellati jsostnu li hemm dubji serji dwar jekk il- tal-fond mertu tal-kawża hux effettivament l-istess fond li n-nannu patern tagħha akkwista bil-kuntratt ta’ bejgħ tal-1924.

huma jsostnu invece li dak li kellha tagħmel kien li tiddeċiedi favur min għandu l-aqwa prova "*inter partes*".

Huwa minnu, kif qegħdin jargumentaw l-atturi appellanti li l-prinċipju li min għandu titolu aħjar jirbaħ il-kawża mingħajr il-ħtieġa li dak li jkun jipprova titolu assolut, illum jinsab assodat fil-ġurispudenza tagħna; iżda dan il-prinċipju mhux applikabbli għaċ-ċirkostanzi odjerni (kif ser jiġi spjegat aktar 'l isfel).

F'azzjoni rivendikatorja l-attur bħala regola għandu jġib prova ta' titolu li jkun oriġinali jew li jwassal għal wieħed oriġinali, jiġifieri titolu li jirriżulta jew:

(1) minn pussess leġittimu għaż-żmien kollu meħtieġ bil-liġi għall-akkwist tal-proprjeta`, jew

(2) minn kuntratt ta' akkwist mingħand il-proprjetarju oriġinali tal-art, jew minn sensiela ta' kuntratti ta' akkwist li jmorru lura fiż-żmien sal-proprjetarju oriġinali tal-art; b'hekk ikun ipprova li l-awtur jew awturi tiegħu kellhom id-dritt li jittrasferixxu dik id-determinata proprjeta`.[24]

Azzjoni ta' din l-għamla ovvjament titfa' piż qawwi fuq min jagħmilha għaliex huwa jrid iressaq l-aqwa prova dwar il-jedd tiegħu fuq il-beni li jrid jieħu lura f'idejh. Irid jipprova li għandu titolu assolut "*erga omnes*". B'rizultat ta' din ir-regola tnisslet il-frazi "*probatio diabolica*" biex turi kemm huwa tqil il-piż ta' prova li jrid iġorr u jissodisfa l-attur f'kawża ta' din ix-xorta. Huwa proprju għaliex huwa diffiċli li wieħed juri titolu oriġinali li l-ġurispudenza u l-awturi mmitigaw din il-prova li tispetta lill-attur. Ir-rivendikant ġie mogħti d-dritt li fin-nuqqas li jipprova titolu oriġinali, għandu jipprova titolu aħjar minn dak tal-konvenut. Din id-duttrina tal-"*prova migliore*" għandha l-bażi tagħha fid-dritt Ruman u kienet tissejjaħ l-Actio Publiciana (in rem), azzjoni reali ta' għamla petitorja. Huwa rimedju li l-qrati tagħna tawh għarfien ukoll fil-qafas tal-azzjoni ta' rivendika ta' ġid minn idejn ħaddieħor.

---

[24] "*Invano dunque il rivendicante invoca un atto di vendita….il rivendicante dunque deve provare che il suo autore era proprietario*". (**Laurent**, Principi di Diritto Civile, Vol VI, P.259).

Xi eżempji ta' insenjamenti ġuridiċi u legali li ħarġu minn dan ir-rimedju mogħti lill-attur f'kawża rivendikatorja huma dawn:

- Mhux meħtieġ li l-attur jipprova titolu oriġinali fuq il-proprjeta` iżda huwa biżżejjed li jipprova dritt fuq l-art anterjuri għal dak tal-konvenut possessur.[25]

- Il-Laurent fir-rigward tal-prinċipju tal-"prova migliore" (għalkemm fid-dritt Ċivili Taljan ma baqgħetx ammessa l-azzjoni pubbliciana) jgħallem hekk: "*L'attore produce un titolo di proprieta`, il convenuto non ne ha; se il titolo del rivendicante e` anteriore al possesso del convenuto, egli trionfera` perche` e` considerato di aver sufficientemente giustificato il suo diritto di proprieta`….Quando il convenuto stabilisce che il suo possesso e` anteriore al titolo che il rivendicante produce, prevarra` se il rivendicante non giustifica che il suo autore era proprietario.*"

- Fl-Actio Pubbliciana, hi biżżejjed prova ta' pussess aħjar mill-konvenut.[26]

- Meta l-konvenut pussessur jirreklama hu wkoll titolu ta' proprjeta` fuq l-istess art, l-eżami ma jkunx bażat fuq prova ċerta tat-titolu tal-attur, imma fuq wieħed komparattiv tat-titoli rispettivi tal-kontendenti.[27]

- Jekk il-konvenut ma jirnexxilux jipprova t-titolu minnu allegat u jibqa' sokkombenti f'dik il-prova, huwa imbagħad prekluż milli jinvoka favur tiegħu il-pussess.[28] (Dan għaliex il-pussess tiegħu ikun ibbażat fuq it-titolu ta' proprjeta` li huwa ddefenda ruħu bih).

Issa fil-każ in kwistjoni, l-attriċi Carmela Buhagiar ma rnexxilhiex tipprova li kellha t-titolu kif reklamat minnha fiċ-

---

[25] **Aloisia Fenech vs Francesco Debono** et (PA 14.05.1935, Vol XXIX.i.488), kwotata mill-Qorti tal-Appell f'**John Vella et vs Sherlock Camilleri** (12.12.2002) u f'**Anna Cassar vs Carmela Stafrace** (27.02.2003).
[26] **Anna Cassar vs Carmela Stafrace**, App. 27.02.2003.
[27] **MaryRose Aquilina et vs Antonio Piscopo**, PA, 24.10.2003.
[28] **Albert Mizzi noe vs Rita Azzopardi** et, App. 27.03.1996.

ċitazzjoni u dan għaliex ma jirriżultax li missierha qatt wiret mingħand missieru (nannuha) u għalhekk ma ġiex pruvat li hija kellha xi sehem mill-fond li xtara l-istess nannuha fl-1924.[29] L-ewwel qorti ma ċaħditx it-talba attriċi għaliex it-titolu pretiż mill-atturi ma rriżultalhiex b'mod assolut (titolu oriġinali), kif qegħdin jilmentaw l-atturi appellanti, iżda ċaħdet it-talba għaliex lanqas biss irriżulta pruvat it-titolu ta' proprjeta` kif reklamat mill-atturi stess. L-azzjoni odjerna ġiet ippernjata fuq l-allegazzjoni li l-proprjeta` in kwistjoni hija in parti proprjeta` ta' Carmela Buhagiar provenjenti lilha mill-wirt ta' missierha, u ladarba l-istess Carmela Buhagiar ma rnexxilhiex tipprova dan it-titolu allegat minnha, l-azzjoni attriċi ovvjament tfalli. Kuntrarjament għal dak li qegħdin jallegaw l-atturi appellanti, mhux il-każ li jsir eżami komparattiv,[30] u dan għas-sempliċi raġuni li l-allegat dritt ta' proprjeta` reklamat minn Carmela Buhagiar assolutament ma ġiex pruvat.

Ghalhekk il-kumment xejn dinjituz tal-atturi appellant fil-konfront tal-ewwel Qorti meta jgħidu li "L-*ewwel Onorabbli Qorti donna ma hijiex għal kurrent tad-dottrina l-aktar ikkreditata u aċċettata fil-ġurispudenza nostrali kif ukoll għal ġurispudenza li titratta dwar il-materja in kwistjoni"* jirridonda kontra taghhom ghax gie muri invece huma l-atturi appellanti li mhux qegħdin jifhmu d-dottrina.

<u>Il-provi tal-atturi:</u>

It-tieni ilment prinċipali tal-atturi appellanti jikkonċerna l-allegata interpretazzjoni żbaljata tal-fatti li għamlet l-ewwel qorti.

Hawnhekk l-atturi appellanti jirreferu għat-testment ta' Salvatore Meilak u jaċċennaw għall-fatt li huwa ma

[29] (U dan irrispettivament minn kunsiderazzjonijiet dwar jekk il-fond li xtara nannuha kienx għadu jiforma parti mill-assi tiegħu meta miet fl-1926 u jekk il-fond hux fil-fatt dak mertu ta' din il-kawża.)

[30] Il-konvenut fil-kawża odjerna ma qajjimx l-eċċezzjoni li għandu titolu aħjar minn tal-atturi, u għalhekk f'każ li t-titolu ta' proprjeta` (mhux oriġinali) allegat mill-atturi rriżulta pruvat (ħaġa li ma saritx) kien ikollu kellu jsir eżami komparattiv bil-għan li jiġi stabbilit jekk hux it-titolu ta' proprjeta` tal-atturi li hu anterjuri għall-pussess tal-konvenut, jew hux il-pussess tal-konvenut li huwa anterjuri għat-titolu ta' proprjeta` tal-atturi.

nnominax eredi. Jargumentaw li skont ir-regoli tas-suċċessjoni intestata l-wirt kellu jaqa' fuq l-eqreb fid-demm. Iżidu li "*L-eqreb fid-demm kienu proprju Teresa, Geswalda u Carmela*[31] *uliedu li lilhom ħalla wkoll il-leġittima*". Din l-ahhar affermazzjoni hi ghal kollox żvijanti. Hawn non si tratta ta' suċċessjoni *ab intestatio* izda ta' suċċessjoni regolata b'testment li minnu jirriżulta li Salvatore Meilak ma ħalliex lit-tlett uliedu "wkoll" il-leġittima, anzi għamiliha ċara li kien qed iħallilhom biss il-leġittima, għaliex effettivament fit-testment tiegħu niżżel li lit-tlett uliedu "*non lascia che la pura legittima*". Hu stabbilit li l-leġittimarju mhux werriet: il-leġittima hija parti mill-ġid tad-decuius u mhux sehem mill-wirt. Għalhekk f'din il-frażi "*non lascia che la pura legittima*" (fol 216 tal-process in prim istanza), Salvatore Meilak kien qed jagħmilha ċara li uliedu mhux qed iħallihom werrieta.

L-atturi jgħidu wkoll li għalkemm it-testatur ħalla struzzjonijiet sabiex il-proprjeta` tiegħu tinkera u mir-rikavat isir il-quddies għal ruħu, l-intenzjonijiet piji tiegħu baqgħu ma ġewx esegwiti, u l-fond in kwistjoni jew baqa' battal, jew inkella okkupah il-konvenut Salvu Meilaq, kif jgħid fix-xiehda tiegħu. Għalhekk fil-fehma tagħhom il-konklużjoni li kellha tasal għaliha l-ewwel qorti kienet sempliċiment dik li l-fond in kwistjoni llum jappartjeni lid-dixxendenti ta' Salvatore Meilak il-kapostipiti u l-awtur tal-attriċi Carmela Buhagiar. Din il-qorti assolutament ma tifhimx dan ir-raġunament u l-konkljużjoni raġġuna mill-atturi ma hi xejn ħlief non *sequitur* fid-dawl tal-volonta` espliċita u inekwivoka tat-testatur Salvu Meilaq li jħalli lil uliedu biss il-leġittima. Di piu` ma kienx il-kompitu tal-ewwel qorti li tistabbilixxi min huma dawk il-persuni li huma l-proprjetarji tal-wirt ta' Salvatore Meilak, iżda kien invece li tistabbilixxi jekk l-attriċi Carmela Buhagiar (issa l-werrieta tagħha) għandhiex titolu fuq xi sehem mill-proprjeta` mertu tal-kawża, ħaġa li fil-fatt ma rriżultalhiex.

L-atturi appellanti jilmentaw ukoll fuq il-fatt li l-ewwel qorti għamlet riferenza għad-denunzja ta' Salvatore Meilak. L-ewwel qorti osservat li l-fond li xtara fl-1924 kif deskritt fuq

[31] Trid taqra "Carmelo".

il-kuntratt ta' xiri bin-numru 24 ma jissemmiex fid-denunzja u kkummentat li għalkemm l-atturi sostnew li effettivament huwa l-fond immarkat fuq id-denunzja bħala item 9 (luogo di case fi Stada Wileg, bin-numru 38) ir-reġistru elettorali tas-sena 1924 jindika li l-istess Salvatore Meilak kien jogħod f'numru 37 u mhux 38, filwaqt li fil-fond numru 24 kien joqgħod ċertu Raffaele Mizzi.

L-atturi jgħidu: "*Ta' min jistaqsi hawnhekk, minn meta 'l hawn il-Qrati tagħna bdew jaċċettaw id-denunzja tas-suċċessjoni bħala prova ta' titolu ta' proprjeta*`". L-ewwel qorti pero` bl-ebda mod ma bbażat il-konklużjoni tagħha fuq dan id-dokument, anzi fil-paragrafu qabel ma kkunsidrat id-denunzja in kwistjoni hija kienet diġa stabbilixxiet li l-atturi kienu tilfu d-dritt li jirreklamaw xi titolu fuq il-fond in kwistjoni minħabba li mill-1926 qatt ma ħadu passi legali biex ifittxu għal-leġittima, dritt li jispiċċa bl-għeluq ta' għaxar snin mill-mewt tat-testatur. L-ewwel qorti għamlet riferenza għad-denunzja ta' Salvatore Meilak sempliċiment bħala osservazzjoni, biex tesprimi d-dubji tagħha dwar jekk il-fond li xtara Salvatore Meilak fl-1924 effettivament kienx baqa' jifforma parti mill-assi tiegħu fid-data li miet, u dan qalitu peress li n-numri tal-bieb ma jaqblux, iżda din l-osservazzjoni bl-ebda mod ma taffettwa l-konklużjoni tagħha dwar jekk l-attriċi rnexxilhiex tipprova t-titolu tagħha jew le. Dan kollu juri kemm hu barra minn loku d-diskors tal-atturi fejn jghidu li "*Bir-rispett lejn l-ewwel qorti din hi tassew konklużjoni perversa u tagħmel travestija minn kull sena ta' loġika u raġuni*." Għalkemm premess bil-frazi "Bir-rispett" dan it-tip ta' diskors jibqa' wieħed dispreġġjattiv, mhux xieraq u mhux mistħoqq fil-konfront tal-ewwel Qorti u ftit temperament fl-espressjoni u ftit umilta` da parti tal-atturi kienu jkunu konsiljabbli.

L-atturi jilmentaw ukoll mill-fatt li l-ewwel qorti ppruvat toħroġ prova mir-reġistru elettorali, ħaġa li wkoll mhix minnha. Kif diġa ġie spjegat fuq, l-ewwel qorti semmiet id-denunzja u għamlet riferenza għar-reġistru elettorali sabiex turi li jezistu cirkostanzi li jkomplu jixtħu dubbju fuq jekk il-fond li xtara Salvatore Meilak fl-1924 kienx għadu jifforma parti mill-assi tiegħu fl-1926 meta huwa miet. Hija

bl-ebda mod ma ħadet id-denunzja jew l-estratt mir-reġistru elettorali bħala xi prova ta' xi titolu. Fil-fatt jekk il-fond kienx għadu jifforma parti mill-beni tiegħu fil-mument li miet jew le, bl-ebda mod ma jaffetwaw il-konklużjoni raġġunta mill-ewwel qorti.

Fl-aħħarnett l-atturi appellanti jistiednu lil din il-qorti biex "tagħti ftit każ" tax-xiehda mogħtija mill-konvenut Salvu Meilaq u dan għaliex ix-xiehda tiegħu ittieħdet mill-Assistent Ġudizzjarju u mhux quddiem il-Qorti. Isostnu li a bażi tax-xiehda tiegħu l-ebda qorti ma kellha tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom l-ewwel qorti. Għandu jiġi rilevat fl-ewwel lok li xiehda mogħtija quddiem Assistent Ġudizzjarju (jew perit legali, jew permezz tal-affidavit) bl-ebda mod ma hija xi xiehda inferjuri għal dik mogħtija direttament quddiem il-qorti. Huwa superfluwu da parti tal-atturi appellanti li jinvitaw lil din il-qorti "tagħti ftit każ" ta' xi xiehda partikolari sempliċiment għaliex din ittieħdet quddiem Assistent Ġudizzjarju. Il-qorti tagħti importanza lil kull xiehda li titressaq quddiemha (kemm viva voce, u kemm permezz ta' traskrizzjonijiet) imbagħad sta għaliha li tiddeċiedi jekk hix rilevanti għall-vertenza li jkollha quddiemha jew le. Fil-każ in kwistjoni ix-xiehda ta' Salvu Meilaq ma tbiddel xejn mill-konklużjonijiet li waslet għalihom l-ewwel qorti. Ladarba l-atturi ma rnexxilhomx jippruvaw it-titolu derivattiv reklamat minnhom ix-xiehda ta' Salvu Meilaq mhux ser tagħmel tajjeb għal dan in-nuqqas.

Għal dawn il-motivi din il-qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad l-appell interpost mill-atturi u tikkonferma s-sentenza appellata in toto.

L-ispejjeż ta' dan l-appell ikunu a karigu tal-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------